# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**President**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 17**

**Rikors numru 174/14/1 AL**

**Alicia Meilak**

**v.**

**Clodomiro Meilak**

**Il-Qorti:**

1. Il-konvenut appella mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-14 ta' Ottubru, 2021, dwar il-ħtija tal-firda bejn il-partijiet, kif ukoll dwar il-manteniment, l-arretrati tal-manteniment u l-aċċess għat-tifel li twieled matul iż-żwieġ. Il-partijiet iżżewġu fid-9 ta' April, 2010 (att ta' żwieġ numru 237/2010).

2. B'rikors maħluf preżentat fis-6 ta' Awwissu, 2014, l-attriċi talbet:

*"1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minhabba vjolenza, swat, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti u konsegwentament tawtorizza lill-attrici tghix separataent mill-konvenut;*

*2. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti u l-minuri fuq imsemmi, tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew minn pensjoni illi qed jircievi l-intimat u tipprovdi dwar il-modalitajet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-ghli tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti;*

*3. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri L f'idejn l-esponenti u dan kif jigi stabbili minn din l-Onorabbli Qorti;*

*4. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lil-intimat, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-evntwali kontumacja fuq l-istess att;*

*5. Tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjgali kif mahuba fl-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51, sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*6. Tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-esponenti il-beni kollha parafernali taghha;*

*7. Tappunta kuratur sabiex jirraprezenta lil-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva f'jum u hin u pst stabbilit minn dina l-Onroabbli Qorti;*

*8. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha Lapad;*

*9. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

3. Il-konvenut wieġeb fit-12 ta' Frar, 2015, fejn qal li ż-żwieġ tkisser tort tal-attriċi u ma kien hemm l-ebda nuqqasijiet min-naħa tiegħu. Żied li l-attriċi abbandunat id-dar matrimonjali u li kien lest iħallas manteniment għat-tifel.

4. B'sentenza tal-14 ta' Ottubru, 2021, il-Qorti tal-Familja ddeċidiet:

> *"1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-hajja ta' bejn il-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli ghaliex iz-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli, b'dana illi l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija attribwibbli unikament lill-konvenut, filwaqt li tawtorizza lill-attrici tirrisejdi separatament minn ma zewgha, il-Qorti qeghda tindika li n-numru progressiv ta' registrazzjoni tal-Att taz-Zwieg tal-partijiet huwa 237/2010, u konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Registru pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi smien tletin jum mil-lum;*
>
> *2. Tilqa' limitatament it-tieni talba, fis-sens illi fir-rigward ta' manteniment ghall-attrici personali, rebus sic santibus tordna li f'dan l-istadju l-attrici m'ghandhiex tippercepixxi manteniment minghand il-konvenut u dan galadarba hija finanzjarjament indipendenti u m'ghandha l-ebda impediment milli taqla' l-ghixien taghha b'mod indipendenti bhal ma ghamlet ghal dan l-ahhar zmien. Madankollu, u fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tikkjarifika li minkejja tali ordni, dan m'ghandux ifisser li l-attrici qeghda b'xi mod titlef il-jedd taghha li fil-futur titlob manteniment minghand il-konvenut u dan f'kaz ta' tibdil fic-cirkostanzi li jikkostringu lill-attrici titlob lil zewgha ghajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment, fir-rigward tal-minuri tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma ta' €275 kull xahar, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Dan il-manteniment ghandu joghla kull sentejn skont l-indici tal-gholi tal-hajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew beneficcju socjali li jista' jippercepixxu minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 3B tal-Kodici Civli, il-konvenut huwa obbligat li ihallas manteniment ghal Leandro Meilak sakemm il-minuri jaghlaq l-eta` ta' tmintax-il sena. Madankollu, fl-eventwalita` li l-istess minuri jaghzel li jibqa' jistudja fuq bazi full time wara li jihaq l-eta`maggorenni, il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jaghlaq l-eta` ta' 23 sena jew sakemm itemm l-istudji tieghu, skont liema eventwalita` tavvera ruhha l-ewwel. Kwalunkwe beneficcju socjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz children allowance ghandu ikun percepibbli mill-attrici ghan-nom tal-minuri. Jekk il-wild*

*jaghzel li imur ighix ghal rasu wara li isir maggorenni, il-manteniment jithallas direttament lilu.*

*3. Tichad it-tielet talba u tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tibqa' fdata liz-zewg partijiet b'mod kongunt, b'dana illi l-minuri ghandu jibqa' jirrisjedi mal-omm gewwa Malta,f'dik ir-residenza hekk stabbilita minnha ghaliha innifisha u ghal binha, b'dan illi d-decizjonijiet ordinarji tal-hajja ta' kuljum tal-minuri ghandhom jittiehdu mill-omm wehedha stante li l-minuri ser ikun qieghed jirrisjedi maghha, filwaqt li dawk id-decizjonijeit aktar importanti, inkluz dawk ta' sahha edukazzjoni u safar ghandhom jittiehdu mill-partijiet b'mod kongunt, filwaqt li fir-rigward ta' applikazzjoni ghall-hrug u tigdid tal-passaport tal-minuri, dan ghandu isir bl-awtorizzazzjoni taz-zewg partijiet, izda l-imsemmi passaport ghandu jinzamm fil-pussess esklussiv tal-attrici. Tordna lill-Agenzija Appogg sabiex issegwi lill-minuri u l-partijiet b'mod li jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi anke minhabba li l-partijiet mhumiex kapaci jikkomunikaw flimkien b'mod amikevoli. Tordna li l-konvenut ghandu ikollu access adegwat ma' ibnu cjoe` nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis u fil-weekend mill-Gimgha fis-2.30p.m. sas-Sibt fl-4p.m. fejn il-minuri ghandu jingabar ghall-access mill-Ghassa tal-Pulizija l-iktar vicin tar-residenza tal-omm u jerga' jigi ritornat hemm fi tmien l-access, filwat li l-missier ghandu jiehu lill-minuri ghall-attivitajiet li ikollu li jinzertaw waqt l-access.*

*4. Tilqa' ir-raba' talba u tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, filwaqt li d-divizjoni u la-ssenjazzjoni ghandha tkun skont il-provvediment tas-sitt parti ta' din is-sentenza u cjoe` 'It-terminazzjoni, likwidazzjoni, Divizjoni u assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-beni Parafernali; madankollu tastjeni milli tiddeciedi rigward in-nomina ta' nutar u kuratur f'dawn il-proceduri skont it-talba taz-zewg partijiet.*

*5. Tilqa' l-hames talba u tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet kontemplati fl-artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili, filwaqt li tapplika in toto s-sanzjonijiet kollha elenkati fl-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi fil-konfront tal-konvenut.*

*6. Tichad is-sitt talba rigward il-beni parfernali tal-attrici.*

*7. Tichad is-seba' talba attrici.*

*8. Tilqa' t-tmien talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti lura ghall-kunjom xbubitha, ossija 'Lapad'.*

*9. Tilqa'd-disa talba u tawtorizza lill-attrici trregistra din is-sentenza mad-Dipartiment tar-Registru Pubbliku ta' Malta."*

5. Fit-2 ta' Novembru, 2021, il-konvenut appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti, filwaqt li l-attrici wieġbet u tat ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad kull wieħed mill-aggravji tal-konvenut.

Fatti.

6. Mill-atti jirriżulta li:

i. L-attriċi hi ta nazzjonalita` Filippina u fit-23 ta' Novembru, 2009, waslet Malta. Il-partijiet iltaqgħu tramite l-*media* soċjali. Kif waslet Malta marret tgħix mal-konvenut f'appartament f'San Ġiljan. Fil-fond kienu jgħixu wkoll żewġt itfal tal-konvenut li kellu mill-ewwel żwieġ.

ii. Il-partijiet iżżewġu fid-9 ta' April, 2010, u fit-23 ta' Frar, 2012, twieled it-tifel.

iii. Il-konvenut ilu snin jirċievi benefiċċji għall-qgħad minħabba li uffiċjalment reġistrat li ma jaħdimx (fol. 141).

iv. Fis-7 ta' Awwissu, 2012, l-attriċi għamlet rapport mat-taqsima tal-vjolenza domestika, Aġenzija tal-Appoġġ u qalet li waqt argument żewġha taha daqqa f'wiċċha. Dakinhar il-konvenuta ttieħdet fid-dar Merħba Bik flimkien mat-tifel tal-partijiet. Fis-17 ta' Awwissu, 2012, l-

attriċi nfurmat lis-*social worker* li sejra lura d-dar u li jekk żewġha jerġa' jabbużaha kienet ser tisseparah.

v. F'Settembru 2012 il-konvenut għamel rapport mal-pulizija dwar vjolenza domestika kontra l-attriċi, li min-naħa tagħha qalet li kien il-konvenut li ħebb għaliha wara li bdiet targumenta miegħu biex jagħtiha flus biex tixtri l-mediċina li kellha bżonn.

vi. Fl-24 ta' Diċembru, 2012, għat-tieni darba marret tgħix fid-dar Merħba Bik. F'Ġunju 2013 marret tgħix f'Dar Qalb ta' Ġesu´.

vii. L-inkwiet fiż-żwieġ jidher li kien ilu għaddej. Fl-atti hemm rapport ġuramentat li sar minn uffiċjal tat-taqsima tal-vjolenza domestika tal-Aġenzija Appoġġ (fol. 133) u jkopri l-perjodu mis-17 ta' Mejju, 2012, sal-21 ta' Lulju, 2013).

viii. Fil-25 ta' Marzu, 2014, l-attriċi għamlet talba lir-Reġistratur sabiex jinbeda l-proċess ta' medjazzjoni, u eventwlament fis-6 ta' Awwissu fetħet il-kawża.

ix. *Pendente lite* kien hemm digrieti li rregolaw il-manteniment. Fil-21 ta' Mejju, 2014, il-konvenut kien ordnat iħallas €250 għall-attriċi u €200 għat-tifel kull xahar. Fis-6 ta' Mejju, 2015, kien ordnat iħallas

manteniment ta' €300 fix-xahar u spejjeż tas-saħħa u edukazzjoni. Imbagħad fil-11 ta' Awwissu, 2016, kien ordnat iħallas €250 fix-xahar.

x. Matul il-kawża kien hemm perjodi meta l-konvenut ma kienx qiegħed iħallas il-manteniment. Ittieħdu proċeduri kriminali kontrih u ngħata piena karċerarja. Qal li ma ħallasx għaliex ma kellux xogħol. F'dan ir-rigward il-konvenut ippreżenta rendikont tax-xhur li matulhom ma ħallasx manteniment u skonta sentenza karċerarja (ara fol. 646). Fis-seduta tat-23 ta' Frar, 2021, ta wkoll rendikont tal-manteniment li ħallas u l-ħlas li rċeviet l-attriċi mingħand id-Dipartiment tas-Siġurta` Soċjali u li tnaqqsu mill-benefiċċju li jirċievi kull xahar.

xi. Ir-relazzjoni bejn il-konvenut u t-tifel L, hi tajba u ġie spjegat li *'l-missier għandu rwol tajjeb ta' missier'* (ara rapport tal-avukat tat-tfal a fol. 575 u depożizzjoni ta' uffiċjali tal-Aġenzija tal-Appoġġ, fol. 523). Illum it-tifel għandu 10 snin.

<u>Konsiderazzjonijiet.</u>

7. L-<u>ewwel aggravju</u> tal-konvenut hu dwar dik il-parti tas-sentenza fejn il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ ingħatat unikament lilu. F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> *"Mill-provi hawn fuq imsemmija, l-Qorti tinsab konvinta illi l-konvenut kien kapaci ikun vjolenti u aggressiv b'mod fiziku mal-attrici. Fil-fatt, il-*

*Qorti taghti piz probatorju lir-rapport mahluf tas-social worker Sarah Debono, f'liema rapport il-konvenut stess ammetta li gieli refa' idejh fuq l-attrici u li huwa vjolenti, u barra minn hekk is-social worker stess ikkonfermat li rat marki vjola u homor fuq wicc l-attrici wara wiehed mill-argumenti varji li kellhom il-partijiet. Dawn il-provi flimkien mal-bqija tal-provi esebiti, ma ihallu l-ebda dubbju fil-Qorti illi l-konvenut kapaci ikun vjolenti u aggressiv fizikament. Għaldaqstant, ma jistax jinghad li da parti tal-konvenut kien hemm atti ta' vjolenza singolari u izolati. Ghalkemm ma giet ipprezentata ebda sentenza kriminali fejn il-konvenut instab hati ta' vjolenza fuq l-attrici, il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-konvenut huwa persuna b'demmu spont, li kapaci ikun vjolenti fizikament jekk persuna tikkuntrarjah u tipprovokah.*

*Barra minn hekk, il-Qorti tispecifika li l-vjolenza domestika ma tihux biss forma fizika, izda anke emozzjonali u morali. Il-Qorti tara li l-vjolenza ipperpetrata fuq l-attrici kienet ukoll ta' forma emozzjonali, u dan fid-dawl tar-report mahluf tas-social worker Sarah Debono. Ma huwiex daqstant facli sabiex wiehed jipprova l-abbuz emozzjonali fuq persuna, izda fil-kaz odjern il-Qorti ghandha rapport li jikkonferma tali abbuz, liema rapport sar min-nies li ighixu l-kaz in kwistjoni, fejn gie imnizzel li nhar l-24 ta' Settembru 2012, f'telefonata mas-social worker, l-attrici instemghet anzjuza ferm u gie ikkonfermat illi "Ms Melak also started receiving psychological help, u li f'Ottubru/Novembru 2012' Ms Meilak was attending sessions with her psychologist at the time'. Tali prova ma thalli l-ebda dubbju fil-Qorti dwar l-estremita` ta' abbuz li kienet qeghda ssofri minnu l-attrici matul iz-zwieg taghha mal-konvenut.*

*………………*

*Il-Qorti rat ukoll il-verzjoni tal-konvenut u l-allegazzjoni tieghu li l-attrici hija dominanti, possessiva u provokattiva. Fir-rigward ta' dawn l-allegazzjonijiet, il-Qorti rat l-affidavits ta' uliedu Josef u Bernard, u ohtu Josephine, ir-rapporti maghmula mill-konvenut mal-Pulizija, kif ukoll tar-rapport tas-social worker Sarah Debono. Ghalkemm jidher li kien hemm istanzi fejn l-agir tal-attrici ma kienx wiehed ezemplari jew idoneju fic-cirkostanzi, izda dan jidher bhala wiehed konsegwenzjali ghall-mod kif il-konvenut kien jitratta lill-attrici. Il-Qorti bl-ebda mod ma qeghda tfahhar jew taqbel mal-agir tal-attrici f'certu istanzi, izda l-konvenut ma setax jaqbad certi episodji u jikunsidrahom f'kuntest izolat.*

*Tenut kont tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm ebda dubju li l-agir tal-konvenut kif irrapurtat f'din is-sentenza, irrenda l-hajja komuni bejn il-partijiet insopportabbli, bil-konsegwenza li l-partijiet isseparaw de facto minn xulxin, fejn sussegwentement l-attrici telqet mid-dar matrimonjali sabiex tghix gewwa Dar Merhba Bik nhar l-24 ta' Dicembru 2012. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li ma hemm ebda raguni valida ghliex m'ghandhiex tippronunzja s-separazzjoni*

*personali bejn il-partijiet bi htija ghat-tkissir taz-zwieg tigi attribwita unikament lill-konvenut. Ghaldaqstant, il-Qorti ssib lill-konvenut hati ta' vjolenza, theddid, mohqrija u ingurji gravi fuq il-persuna tal-attrici u dan abbazi tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili."*

8. Il-konvenut jilmenta li għalkemm l-ewwel Qorti ddeskriviet lill-attriċi bħala dominanti, possessiva u provokattiva, ma tatx biżżejjed piż għal dak li rriżulta mill-provi. Isostni wkoll li l-ewwel Qorti ma qisitx li l-attriċi iżżewġitu minħabba s-sitwazzjoni xejn feliċi fil-Filippini u sabiex issib xogħol f'Malta. Skont il-konvenut l-inkwiet fiż-żwieġ inqala' meta l-attriċi skopriet li tqila għaliex kien ser jonqsilha l-ħin tax-xogħol u mhux minħabba l-imġieba ħażina tiegħu.

9. Il-Qorti qrat l-atti u ma ssib xejn żbaljat fir-raġunament tal-ewwel Qorti. Jirriżulta li l-konvenut ammetta ma' uffiċjali tat-taqsima tal-vjolenza domestika li refa' jdejh fuq martu u kien dispost li jaħdem biex jibdel dak l-atteġġjament (ara fol.134). L-aġir aggressiv u xejn kumplimentuż tal-konvenut ma kienx xi inċident iżolat.

10. Evidenti li kien hemm tensjoni fid-dar matrimonjali. L-attriċi u l-konvenut għandhom kulturi differenti u żżewġu wara ftit xhur li bdew jikkoabitaw. L-attriċi hi ferm iżgħar fl-eta` u l-qligħ tal-familja kien ferm limitat. Dan apparti li fid-dar matrimonjali igħixu wkoll iż-żewġt itfal adulti li kellu mill-ewwel żwieġ, u wieħed minnhom għandu diffikultajiet mediċi kif spjega l-psikjatra Dr David Cassar. Minn dak li fehmet il-Qorti, il-konvenut kien jitlef il-kalma u ma jaċċettax li martu tieqaflu u targumenta.

Jidher ukoll li t-twelid tat-tifel fi Frar 2012 wassal biex tiżdied it-tensjoni fid-dar. Għalkemm il-konvenut qal li meta martu ħarġet tqila saret iktar nervuża għaliex kien ser ifisser li ma tistax taħdem, dik il-verżjoni mhijiex korraborata. Anzi Cynthia Wilson xehdet li l-attriċi kienet kuntenta bit-tqala (fol. 195). Pjuttost jidher li l-konvenut ma kienx preparat li jerġa' jibda jrabbi meħud ukoll in konsiderazzjoni tal-eta` li kellu u diġa' kellu wieħed mit-tfal tal-ewwel żwieġ li kien jeħtieġ ċertu kura.

11. Il-kundizzjoni finanzjarja tal-familja m'għenitx lanqas. Għalkemm il-konvenut qal li *"Alicia miegħi ma kien jonqosha xejn"*, uffiċjalment jiddependi mill-benefiċċji soċjali tal-qgħad u skont kif spjegat l-attriċi kienu jgħaddu bix-xejn. Fil-fatt skont *statements* tas-Sigurta Soċjali fl-2011 il-ħlas li rċieva l-konvenut kien €3,148 (fol. 42) filwaqt li fl-2012 irċieva (€3,239) (fol. 43). Żgur li familja li fiha kienet tinkludi żewġt itfal mill-ewwel żwieġ, ma tistax tgħix ħajja diċenti b'dak it-tip ta' qligħ. In-nuqqas tal-konvenut li jagħmel il-parti tiegħu ma kienx ta' għajnuna u l-Qorti tqis kredibbli l-verżjoni tal-attriċi li kienu jgħaddu bix-xejn. Għalkemm mid-depożiżżjoni tal-psikjatra Dr David Cassar spjega li iben il-konvenut għandu *'bżonnijiet kbar u Clodomiro nemmen li qed jagħmel li jista' fiċ-ċirkostanzi'* (seduta tat-13 ta' Jannar, 2017, fol. 495), il-Qorti hi tal-fehma li xorta kellu l-obbligu li jipprovdi għall-familja. Hu minnu wkoll li Dr Cassar xehed li l-attur ibati minn depressjoni qawwija. Fil-fatt żied, *"Ma nistax ngħid u nara lil Clodomiro jaħdem"* (fol. 494). Madankollu qal li beda jarah

bħala pazjent sentejn qabel (ara noti tax-xhud a fol. 498 li jibdew mill-11 ta' Awwissu, 2015, u *ticket of referral* a fol. 497 datata 6 ta' Mejju, 2015). M'hemmx provi li meta l-partijiet iżżewġu u sakemm isseparaw *de facto*, l-attur kien qiegħed ibati minn depressjoni li ma tippermettilux jaħdem.

12. Wara li qrat l-atti l-Qorti mhi konvinta xejn li l-attriċi ħarġet taħdem biss biex tkun tista' tibgħat flus lill-familja tagħha fil-Filippini. Bil-qligħ u atteġġjament li kellu l-konvenut ma kellhiex għażla oħra. Dan apparti li m'hemm xejn ħażin li riedet tmur taħdem u parti mill-qligħ tibagħtu lill-familja tagħha fil-Filippini sabiex tkun ta' appoġġ u għajnuna. Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-fehma tal-konvenut li *"... kont biss il-mezz biex toħroġ minn pajjiżha"* (fol. 448). Din hi biss fehma tal-konvenut u mhijiex bażata fuq provi ċari u kredibbli.

13. Li l-attriċi hi mara bieżla jirriżulta wkoll minn dak li xehdet Deborah Zarb li matul il-perjodu li l-attriċi kienet qiegħda tgħix f'Dar Qalb ta' Ġesu´, kienet taħdem hemm (affidavit a fol. 193). Cynthia Wilson (affidavit a fol. 195) spjegat li l-attriċi kienet ilha għamlet snin tmur tnaddfilha d-dar u l-uffiċċju, u li l-attriċi hi *"one of the most sweet, kind and honest persons that I know"*. Ix-xhud spjegat kif l-attriċi kienet qaltilha li l-konvenut kien jerfa' jdejh fuqha, u li ma setgħetx tagħmel pass fid-dar. Kien proprju bl-intervent ta' din ix-xhud li kien hemm l-intervent tal-Aġenzija tal-Appoġġ.

14. Il-Qorti qrat ukoll l-affidavits ta' wlied il-konvenut (fol. 472 – 475) u tikkonkludi li l-verżjoni li taw mhijiex oġġettiva u tiġbed biss in-naħa ta' missierhom. Filwaqt li jsemmu ħafna difetti tal-attriċi u jagħtu l-fehma tagħhom dwarha, meta x-xhud għandu jgħid biss fatti li jaf, ma qalu assolutament xejn li jista' jitfa' dell fuq missierhom. L-istess għamlet Josephine Meilak, oħt il-konvenut (fol. 476), li evidentement l-għan tagħha kien li tpinġi lill-attriċi bħala opportunista u bla ħniena. Qalet ukoll li l-attriċi qaltilha li ma riditx tibqa' tgħix Malta għaliex kienet mifruda mit-tifel li kellha fil-Filippini u *".... offrejtilha l-għajnuna biex tmur lura l-Filippini"* (fol. 479). Minn dan kollu ma jirriżulta xejn tant li wara dawn is-snin kollha l-attriċi għadha tgħix f'Malta. Il-Qorti lanqas temmen li x-xhud offriet lill-attriċi sabiex tmur tgħix magħha, jekk l-attriċi hi verament il-persuna li pinġiet ix-xhud. Jekk dan kien il-każ, x'aktarx li ma kinitx ser toffri li tilqagħha f'darha. Bl-istess mod il-Qorti ma temminx lill-konvenut li qal li martu *"kienet qiegħda toħroġ ħdura lejja u lejn il-familja kollha tiegħi"* (fol. 449), meta wara li ttieħdet tgħix dar Merħba Bik, kien hu li għamel il-pass sabiex martu tirritorna lura lejn id-dar (ara rapport ta' *social worker* Sarah Debono a fol. 135). Jekk l-attriċi kienet il-mara ħażina li qal il-konvenut, ma kienx jagħmel sens li jikkonvinċiha li tmur lura lejn id-dar fiż-żmien li kienet Merħba Bik.

15. Il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut kellu atteġġjament goff u dominanti. Il-fatt li l-attriċi kienet tieqaflu, kien iwassal għar-reazzjoni inġustifikata

min-naħa tiegħu li jerfa' jdejh. Atteġġjament li mhu qatt aċċettabbli u l-konvenut ma jistax jippretendi li l-attriċi tingħata nofs il-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ meta l-vittma kienet hi. Pożizzjoni li ħa biss fl-istadju tal-appell għaliex quddiem l-ewwel Qorti kien qiegħed jinsisti li ż-żwieġ tkisser biss tort tal-attriċi.

16. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

17. Permezz tat-tieni aggravju l-konvenut jilmenta mill-fatt li ġew applikati fil-konfront tieghu l-Artikoli 48, 51 u 52 tal-Kodiċi Ċivili.

18. Meta tqis il-konsiderazzjonijet li għamlet l-ewwel Qorti u din il-Qorti, id-deċiżjoni hi korretta u tiċħad it-tieni aggravju.

19. It-tielet aggravju jirreferi għall-manteniment lill-mara u lill-minuri.

20. L-ewwel Qorti kkunsidrat l-qligħ li għandha kull parti u kkonkludiet:

> *"......... il-Qorti tara li fil-kaz odjern iz-zewġ partijiet għandhom introjtu baziku. F'kazijiet fejn si tratta l-introjtu ta' din in-natura, il-Qorti dejjem tordna l-ħlas tas-somma minima ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment u s-somma ta' ħamsa u sebgħin Ewro (€75) għall-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajet extra- kurrikulari – liema somma fil-kuntest odjern hija raġjonevoli. Għaldaqstant, il- Qorti qiegħda tordna lill-konvenut u dan ġialadarba l-minuri D B ser ikompli jabita ma' ommu, iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull xahar, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Dan il-manteniment għandu jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew*

*benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal D B sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-istess minuri jagħzel li jibqa' jistudja fuq bażi full-time wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz children allowance għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. Jekk il-wild jaghzel li jmur ighix ghal rasu wara li jsir maġġorenni, il- manteniment jitħallas direttament lilu".*

21. Dan ġie riprodott fil-parti dispożittiva tas-sentenza. Il-Qorti għamlet ukoll referenza għad-digriet li tat fil-11 ta' Awwissu, 2016, fejn ordnat lill-konvenut sabiex iħallas manteniment ta' €250 kull xahar u li jinkludi sehmu tal-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni.

22. Il-konvenut ilmenta:

*"3. Illi rrizulta ghal kuntrarju minn dak sollevat mill-Ewwel Qorti li l-uniku introjtu li ghandu l-konvenut huwa dak li jircievi minnghand is-Sigurta Socjali fl-ammont ta cirka* ***€430*** *kul erba' gimghat li minnhom jinqatghu u jhallas direttament manteniment ghal ibnu fl-ammont ta* ***€230*** *kul erba' gimghat. Illi dan ifisser li filwaqt li l-konvenut jibqalu f'idejh is-somma ta cirka €200 kull erba gimghat (konfermat mill-Ewwel Qorti) mill-banda l-ohra jinghad li mal-introjtu ta martu l-attrici ghandu jigi maghdud l-ammont ta €230 flimkien mal-paga taghha;*

*4. Illi ma hux fattwalment minnu li huwa ghandu xi dhul iehor bhala entertainer skond l-employment history tieghu. Dan kien sehh biss ghal perjodu ta anqas minn sena fil-passat remot; Dwar allegat xoghol ta membrane ma ngabet ebda prova dwar dan hlief l-allegazzjoni tal-attrici li kienet giet michuda mill-konvenut (kif ben osservat l-Ewwel Qorti);*

*5. Illi gie kkummentat li l-attrici ghandha l-ispejjes tal-kera u spejjes ohra relatati mad-dar u fl-istess nifs jinghad li l-konvenut ma ghandu xejn minn dan ghax id-dar konjugali kienet tal-Housing. Affermazzjoni ghal kollox gratuwita u inveritjiera. Ma naf b'ebda dar tal-housing li tinghata b'xejn.*

*6. Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti naqset li tikkunsidra li l-konvenut appellant ukoll ghandu l-ispejjes relatati mad-dar cioe il-kera tal-fond, kera u konsum tad-dawl u ilma, spejjes ta manutenzjoni ect ect – dawn l-ispejjes naqset li tikkunsidrahom (lanqas biss semmiethom) – fattur li naturalment jinfluwixxi fuq ir-rata ta alimenti li l-konvenut ser jigi tenut li jhallas skond l-introjtu mizeru li jircievi minus l-ispejjes tieghu;*

*7. L-appellant jaqbel mal-principji u osservazzjonijet legali maghmula mill-Ewwel Qorti rigward l-obbligu kongunt tal-genituri fir-rigward tal-ghajnuna finanzjarja li trid tinghata lil minuri ghat-troghbija tieghu;*

*8. Illi tenut kont tas-suespost allura, partikolarment l-introjtu mizeru tal-konvenut maghdud mal-ispejjes kurrenti tieghu fuq il-post u biex ighix hajja decenti, wiehed ma jistax jifhem kif l-Ewwel Qorti tista tippretendi li l-appellant jigi tenut ihallas €275 fix-xahar fuq introjtu ta cirka €430 fix-xahar (benficcji socjali). Fil-prezent gia qed jaqtghulu €230 mill-beneficcji socjali biex jithallsu lill-attrici (ghal minuri) u mhux qed ilahhaq mal-hajja ta kuljum li kieku ma jiehdux hsiebu ukoll qrabatu. Ghalhekk b'zieda ulterjuri ta €45 ohra fix-xahar tassew il-konvenut ma jkunx jista jerfa tali piz finanzjarju bil-konsegwenza li jekk jonqos anke bil-ftit mill-hlas ta tali rata, certament ser jispicca affaccjat b'numru ta rapporti penali kontra tieghu istitwiti minn martu tramite l-kwereli relattivi kif gia ghamlet fil-passsat u l-appellant missier jispicca jiskonta x-xhur fil-Facilita Korrettiva ta Kordin li tkun ghal kollox kontro-producenti l tassew mhux fl-ahjar interess ta ibnu;*

*9. Illi ghalhekk fic-cirkostanzi finanzjarji tal-partijiet ghandu jirrizulta ferm aktar gust u ekwu li l-konvenut jigi ordnat jikkontribwixxi ghat-troghbija ta ibnu l-minuri fl-ammont ta €200 fix-xahar bhala manteniment liema ammont ghandu jinqata (kif gia qed jinqata) direttament mill-beneficcji socjali li huwa qed jippercepixxi".*

23. Id-differenza hi ta' €310 fis-sena, bejn dak li effettivament qiegħed iħallas (€230 kull erba' ġimgħat)[1] u l-manteniment li l-ewwel Qorti ordnat fis-sentenza (€275 fix-xahar). Min-naħa l-oħra l-konvenut isostni li l-manteniment għandu jkun €200 fix-xahar, li jfisser €900 fis-sena inqas minn dak li ordnat l-ewwel Qorti.

[1] F'dan is-sens are kontro-eżami tal-attriċi (seduta tal-25.3.2019) fol. 592.

24. Igħid x'igħid il-konvenut, il-Qorti mhijiex konvinta li qiegħed igħix bi ftit iktar minn €200 fix-xahar, ċioe' s-somma li bejn wieħed u ieħor tibqagħlu wara li jħallas €230 li titnaqqas mill-benefiċċju li jirċievi mingħand id-Dipartiment tas-Siġurta` Soċjali. Għalkemm fir-rikors tal-appell qal li qiegħed jingħata għajnuna finanzjarja mingħand qraba, m'hemmx provi ċari dwar dan.

25. Hu veru wkoll li meta Dr David Cassar xehed f'Jannar 2017 qal li ma jarax li l-konvenut jista' jaħdem. Madankollu dak kien fl-2017 u issa għaddew iktar minn ħames snin. Inoltre, fis-seduta tal-20 ta' Lulju, 2016, il-konvenut stess xehed li kien ilu jagħmel xogħol *part-time* f'lukanda minn Frar 2016 u kien jitħallas €52 għal sagħtejn xogħol. Kompla, *"Hemhekk biss naħdem u mmur kull nhar ta' Ħadd. Nirċievi cheque fix-xahar"* (fol. 420). F'dan ir-rigward issir ukoll referenza għad-dikjarazzjoni tal-ETC datata 4 ta' April, 2016, a fol. 428. Evidenti wkoll mir-ritratti li eżebit l-attriċi stess, li wkoll fis-sena 2012 il-konvenut kien qiegħed jaħdem (fol. 429-431).

26. Fiċ-ċirkostanzi ma tqisx li t-talba għat-tnaqqis tal-manteniment hi ġustifikata.

27. Għaldaqstant, tiċħad it-tielet aggravju.

28. <u>Fir-raba' aggravju</u> l-konvenut talab li jiġi ċċarat il-ħin tal-aċċess kull nhar ta' Tlieta u Ħamis, u li fil-preżent hemm qbil bejn il-partijiet li l-aċċess ikun mis-2.30 pm sas-6.30 pm. Żied li l-Qorti għandha tordna li fil-ġurnata tal-Milied l-aċċess ikun għand iż-żewġ ġenituri b'mod alternat minn sena għall-oħra, u jkollu aċċess f'jum il-missier.

29. Effettivament fil-parti dispożittiva tas-sentenza għalkemm jissemmew il-ġranet tal-aċċess, m'hemmx ħin għall-aċċess tat-Tlieta u Ħamis. Hemm l-istess nuqqas fil-parti tal-konsiderazzjonijiet tas-sentenza (ara fol. 35).

30. Min-noti tal-Aġenzija Appoġġ irriżulta li waqt l-aċċess ma kienx hemm problemi u t-tifel għandu relazzjoni tajba ma' missieru. Għalhekk hu importanti li jibqgħu jqattgħu ħin flimkien.

31. L-attriċi argumentat li l-konvenut m'għamel l-ebda talba. Il-Qorti ma taqbilx. Ladarba l-ewwel Qorti ffissat il-ġranet tal-aċċess, mela għandu jkun hemm il-ħin. L-attriċi stess taqbel li l-aċċess ikun mis-2.30 pm sas-6.00 pm. Il-Qorti ma tara xejn ħażin li l-aċċess idum sas-6.30 pm u għalhekk ser tilqa' t-talba tal-konvenut. L-istess ser tagħmel dwar li l-minuri jqatta' l-ġurnata ma' missieru f'jum il-missier. Għalhekk ser tordna li f'jum il-missier il-konvenut ikollu aċċess mill-10 am sal-5 pm. Fil-ġurnata tal-Milied, irrispettivament jekk taħbatx ġurnata meta suppost għandu l-

aċċess, din is-sena jkollu aċċess għat-tifel mill-10 am sal-4 pm u s-sena ta' wara mill-4 pm sad-9 pm. Dan l-arranġament għandu jibqa' japplika għas-snin ta' wara.

32. Fl-aħħarnett il-konvenut talab *"... sabiex l-appellata tiġi ordnata ma tinvolvix terzi persuni fir-rigward tal-aċċess li huwa intitolat għalih l-appellant"*. Peress li l-konvenut naqas milli jispjega x'inhu l-ilment, il-Qorti mhijiex ser tikkunsidra dik il-parti tat-talba.

33. Għalhekk tilqa' parzjalment ir-raba' aggravju bil-mod spjegat hawn fuq.

34. Il-ħames aggravju jitratta dwar l-arretrati ta' manteniment. L-ewwel Qorti kkundannat lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' €7,658.61 bħala arretrati ta' manteniment li l-konvenut baqa' ma ħallasx.

35. Il-konvenut ilmenta:

*"1. Illi f'dan ir-rigward jinghad li l-bilanc allegat mill-attrici ma johrog minn ebda prova konkreta hlief minn rendikont ippreparat minn terza persuna fuq informazzjoni moghtija lilha mill-istess attrici; Dan ir-rendikont ma jinsabx ikkoroborat minn ebda prova ohra la verbali u wisq anqas dokumentata.*

*2. Fil-fatt l-attrici ssemmi biss kemm suppost kellu jhallas il-konvenut skond id-digrieti vigenti pero fl-istess hin naqset li taghti rendikont dettaljat tal-pagamenti li l-konvenut fil-fatt kien ghaddielha;*

*3. Illi mill-banda l-ohra il-konvenut gab prova dokumentata u tramite xhieda dwar il-pagamenti minnu maghmula biex ikopru l-arretrati fil-waqt li l-pagamenti attwali kienu qed isiru direttament tramite is-Sigurta Socjeta li kienu qed jaqtghulhu mill-beneficcji tieghu;*

*4. Illi ghalhekk in vista tal-premess ma hux minnu li tressqet xi prova dwar l-allegati arretrati. Dawn l-arretrati thallsu bil-manjiera ndikata fl-istess sentenza filwaqt li kienu baqghu isiru regolarment il-pagamenti attwali;*

*5. Illi in vista tal-premess ghalhekk l-appellant ma ghandu jigi kkundannat ihallas ebda arretrati ghax tassew ma jezistu ebda provi legalment soddisfacenti dwar l-istess".*

36. L-ewwel Qorti qalet:

> *".......... il-Qorti tinsab moralment konvinta illi fiċ-ċirkostanzi odjerni l-pretensjoni tal-attriċi ma hijiex merament asserzjoni izda hija waħda ppruvata, fondata u ġusta. Il-Qorti tara illi l-provi li ressaq il-konvenut bħala ħlas ta' manteniment u ċjoe': (i) dokument maħruġ mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali li l-attriċi tħallset is-somma ta' €2,141.39 u dan għal perjodu bejn it-13 ta' Awwissu 2016 u l-5 ta' Mejju 2017, (ii) il-mamma ta' 3 ċekkijiet maħruġa fl-2016 fl-ammont globali ta' €600, (iii) il-mamma ta' ċekk fl-ammont ta' €1,000 maħruġ nhar l-4 ta' Settembru 2018 u dan sabiex ikopri l-perjodu ta' bejn Marzu sa Lulju 2016, liema somma ġiet ikkonfermata mill-attriċi stess, u (iv) dikjarazzjoni tal-attriċi li l-konvenut ħallas is-somma ta' €900 fil-Qorti, li flimkien jammontaw għas-somma ta' €4,641.39........*
>
> *Għaldaqstant il-Qorti rat il-provi mressqa mill-konvenut u l-pretensjoni tal-attriċi, u waslet għal konklużjoni li l-konvenut ma ressaqx prova ta' ħlas ta' manteniment għal perjodu kollu bejn Mejju 2014 sa Mejju 2017, u b'hekk il-konvenut fadallu bilanċ ta' ħlas a favur l-attriċi ta' €7,658.61. Dan ifisser li l-pretensjoni tal-attriċi hija waħda korretta u s-somma in kwistjoni f'arretrati ta' manteniment a favur l-attriċi għandha tiġi kkunsidrata fl-ambitu ta' likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti"*.

37. L-ewwel Qorti tat spjegazzjoni ċara tal-kalkoli li għamlet biex waslet għas-somma ta' €7,658 (ara *footnote* numru 118 tas-sentenza appellata a fol. 38 tal-istess):

*"Dawn l-arretrati ġew maħduma hekk: (i) fil-perjodu bejn Mejju 2014 sa Mejju 2015, il-konvenut kellu jħallas is-somma ta' €450 f'manteniment (inkluz dak dovut lill-attriċi personalment), u ċjoe' is-somma komplessiva ta' €5,850 (ċjoe' €450 x 13-il darba peress li kellu jitħallas kull erba' ġimgħat), (ii) bejn il-perjodu bejn Ġunju 2015 sal-11 ta' Awwissu 2016, il-konvenut kellu jħallas is-somma ta' €300 fix-xahar, u ċjoe' is-somma komplessiva ta' madwar €4,200 (€300 x 14-il darba), (iii) bejn il-perjodu bejn Settembru 2016 sa Mejju 2017, u ċjoe'*

*sakemm il-konvenut beda jħallas b'mod effettiv il-manteniment, il-konvenut kellu jħallas is-somma ta' €250 fix-xahar, u ċjoe' €2,250 (€250 x 9 darbiet) – li jammontaw għaċ-ċifra totali ta' €12,300. Minn din is-somma, il-konvenut irnexxielu jipprova għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li ħallas is-somma ta' €4,641.39. B'hekk il-Qorti kellha tnaqqas is-somma ppruvata mill-konvenut minn dik is-somma globali ta' €12,300, fejn jibqa' bilanċ ta' €7,658.61".*

38. Mill-atti hu evidenti li kien hemm perjodu twil li fih il-konvenut ma kienx qiegħed iħallas manteniment, minkejja d-digriet ta' Mejju 2014. Kien biss wara digriet li ngħata fil-11 ta' Awwissu, 2016, li sar progress, meta l-Qorti ordnat li l-manteniment jibda jinqata' *".... mill-benefiċċji soċjali li jirċievi u jitħallas direttament lir-rikorrenti f'kont bankarju intestat f'isimha"* (fol. 443).

39. L-attur m'għamel l-ebda argument fir-rigward tal-kalkoli li għamlet l-ewwel Qorti sabiex tiddetermina kemm kien il-manteniment li suppost ħallas il-konvenut *pendente lite* u x'bilanċ kien fadallu jħallas. L-oneru tal-prova tal-ħlas kien fuq il-konvenut. Fejn il-konvenut ressaq provi ta' ħlas, irrispettivament kinux l-aħjar prova jew le, l-ewwel Qorti naqqsithom. Ovvjament ġialadarba kien fadal bilanċ peress li l-konvenut ma ressaqx prova ta' ħlas, il-Qorti kkundannatu jħallas dak il-bilanċ. Inoltre, minkejja li l-konvenut kien kundannat piena karċerarja minħabba li naqas milli jħallas diversi skadenzi, b'daqshekk ma jfissirx li seħħet estinzjoni tal-obbligazzjoni tal-ħlas ta' dak il-manteniment.

40. Tiċħad ukoll il-ħames aggravju.

41. Is-sitt aggravju hu dwar l-ispejjeż tal-kawża, peress li l-konvenut isostni li l-ewwel Qorti kellha tordna li l-ispejjeż jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

42. L-ewwel Qorti ordnat li l-konvenut għandu jħallas l-ispejjeż tal-kawża. Peress li l-konvenut hu responsabbli għat-tifrik ta' żwieġ, il-Qorti taqbel mal-mod kif ġie deċiż il-kap tal-ispejjeż.

43. Tiċħad l-aħħar aggravju.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-appell billi:-

1. Tilqa' parzjalment ir-raba' aggravju u tvarja s-sentenza appellata tal-14 ta' Ottubru, 2021, fis-sens li tordna li l-aċċess ta' nhar ta' Tlieta u l-Ħamis ikun bejn is-2.30 pm u s-6.30 pm. Inoltre fir-rigward tal-ġurnata tal-Milied u jum il-missier, tordna li l-aċċess isir bil-mod kif spjegat hawn fuq.

2. Għall-kumplament tiċħad l-aggravji tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata.

Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal 95% a karigu tal-konvenut u 5% a karigu tal-attriċi.

Tordna lir-Reġistratur sabiex fi żmien tletin (30) jum millum jinnotifika din is-sentenza lir-Registru Pubbliku għall-finijiet ta' reġistrazzjoni skont il-liġi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da